



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



17871/10

(OR. en)

PRESSE 348

PR CO 49

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3060 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ġenerali

Brussell, 14 ta' Diċembru 2010

President

Steven Vanackere

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u r-
Riformi Istituzzjonali tal-Belġju

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 5183 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

17871/10

1
MT

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar il-politika tat-**tkabbir** tal-UE u dwar il-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni għall-**Balkani tal-Punent**.*

*Huwa adotta l-konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għar-**rispons għal diżastri** tal-UE u r-rwol tal-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja.*

*Il-Kunsill approva l-ftehim dwar l-**inizjattiva taċ-ċittadini**, innovazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona mmirata biex ikun possibbli għaċ-ċittadini tal-UE li jitolbu li jsiru proposti leġiżlattivi dwar kwistjoni speċifika.*

Huwa ħejja wkoll il-laqgħa ta' Diċembru tal-Kunsill Ewropew, li ser tiffoka fuq l-istabiliment ta' mekkaniżmu permanenti ta' kriżijiet biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-ewro.

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI.....	5
--------------------------	----------

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ	7
RISPONS EWROPEW GĦAD-DIŻASTRI - <i>Konklużjonijiet</i>	8
TKABBIR – <i>Konklużjonijiet</i>	11
POLITIKA DWAR L-IŻVILUPP REĠJONALI	23
TĦEJJIJA TAL-KUNSILL EWROPEW TA' DIĊEMBRU.....	24
TĦEJJIJA GĦALL-KUNSILL EWROPEW TA' FRAR	25
STRATEĠIJA EWROPEA 2020 GĦALL-IMPJIEGI U T-TKABBIR.....	26

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*AFFARIJJIET BARRANIN*

– Relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-EFTA – <i>Konklużjonijiet</i>	27
---	----

AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Impatt tar-riformi tal-pensjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-patt ta' stabbiltà u tkabbir	27
--	----

AFFARIJJIET ISTITUZZJONALI

– Regoli ta' proċedura tal-Kunsill - Piż tal-voti.....	28
--	----

KOOPERAZZJONI FL-IŻVILUPP

– Fond Ewropew għall-iżvilupp.....	28
------------------------------------	----

STATISTIKA

– Paritajiet tas-Setgħa tal-Infq.....	29
---------------------------------------	----

- ¹
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
 - Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
 - Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

- Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira29
- Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen - baġit emandatorju SISNET għall-201029

SUQ INTERN

- Kwalifiki professjonali - Settur tas-saħħa30

TRASPORT

- Reġistri tal-vetturi ferrovjarji30
- Emissjonijiet tal-istorbju ferrovjarji.....31

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sur Steven VANACKERE

Is-Sur Olivier CHASTEL

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u r-Riformi Istituzzjonali
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin, responsabbli għat-tħejjija għall-Presidenza tal-UE, fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Bulgarija:

Is-Sur Nickolay MLADENOV

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Karl SCHWARZENBERG

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin

Danimarka:

Is-Sur Michael ZILMER-JOHNS

Segretarju tal-Istat għall-Politika Barranija

Ġermanja:

Is-Sur Guido WESTERWELLE

Is-Sur Werner HOYER

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin

Estonja:

Is-Sur Urmas PAET

Is-Sur Raul MÄLK

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Rappreżentant Permanenti

Irlanda:

Is-Sur Dick ROCHE

Ministru tal-Affarijiet Ewropej

Greċja:

Is-Sur Dimitrios DROUTSAS

Is-Sinjura Marilisa XENOGIANNAKOPOULOU

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin

Spanja:

Is-Sinjura Trinidad JIMENEZ

Is-Sur Diego LÓPEZ GARRIDO

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Franza:

Is-Sur Laurant WAUQUIEZ

Segretarju tal-Istat responsabbli għall-Affarijiet Ewropej

Italja:

Is-Sur Ferdinando NELLI FEROCI

Rappreżentant Permanenti

Ċipru:

Is-Sur Markos KYPRIANOU

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Latvia:

Is-Sur Normunds POPENS

Is-Sinjura Ilze JUHANSONE

Rappreżentant Permanenti
Kap tad-Direttorat tal-Unjoni Ewropea tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Litwanja:

Is-Sur Audronius AŽUBALIS

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Lussemburgu:

Is-Sur Jean ASSELBORN

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Immigrazzjoni

Ungerija:

Is-Sur János MARTONYI

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Malta:

Is-Sur Richard CACHIA CARUANA

Is-Sur Joseph COLE

Rappreżentant Permanenti
Direttur Ġenerali

Pajjiżi l-Baxxi:

Is-Sur Ben KNAPEN

Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni Internazzjonali

Awstrija:

Is-Sur Michael SPINDELEGGER

Ministru Federali tal-Affarijiet Ewropej u dawk Internazzjonali

Polonja:

Is-Sur Mikolaj DOWGIELEWICZ

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Portugall:

Is-Sur Luis AMADO

Is-Sur Pedro LOURTIE

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Rumanija:

Is-Sur Doru Romulus COSTEA

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Globali

Slovenja:

Is-Sur Mitja GASPARI

Ministru tal-Iżvilupp u l-Affarijiet Ewropej

Slovakkja:

Is-Sur Milan JEŽOVICA

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Finlandja:

Is-Sinjura Astrid THORS

Is-Sur Alexander STUBB

Ministru tal-Immigrazzjoni u l-Affarijiet Ewropej

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Svezja:

Is-Sinjura Birgitta ÖHLSSON

Is-Sur Carl BILDT

Ministru tal-Affarijiet Ewropej

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Renju Unit:

Is-Sur David LIDINGTON

Ministru tal-Istat għall-Ewropa

Kummissjoni:

Is-Sur Maroš ŠEFČOVIČ

Is-Sur Johannes HAHN

Is-Sur Stefan FÜLE

Viċi President

Membru

Membru

Rappreżentant Għoli

Is-Sinjura Catherine ASHTON

Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

Segretarjat Ġenerali

Is-Sur Pierre de BOISSIEU

Segretarjat Ġenerali

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

Il-Kunsill approva ftehim li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar abbozz ta' Regolament dwar l-*inizjattiva taċ-ċittadini*, li għandu l-għan li jagħmilha possibbli għaċ-ċittadini tal-UE li jitolbu li jsiru proposti leġislattivi dwar kwistjoni speċifika.

Il-ftehim intlaħaq fit-30 ta' Novembru. Il-Parlament huwa mistenni li japprova t-test maqbul fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru. Il-Kunsill ser jadotta r-regolament mingħajr aktar diskussjoni ladarba t-test maqbul ikun ġie ffinalizzat.

L-*inizjattiva taċ-ċittadini*, waħda mill-innovazzjonijiet prinċipali tat-Trattat ta' Lisbona, ser tippermetti li ċ-ċittadini jitolbu lill-Kummissjoni tippreżenta proposti leġislattivi jekk is-sostenituri ta' inizjattiva jkunu mill-inqas miljun ċittadin u jkunu ġejjin minn numru sostanzjali ta' Stati Membri. L-abbozz ta' Regolament jagħti l-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva.

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa [17876/10](#).

RISPONS EWROPEW GĦAD-DIŻASTRI - *Konklużjonijiet*

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

1. Waqt li jikkunsidra li t-territorju u ċ-ċittadini tal-Unjoni huma esposti dejjem aktar għall-impatt tad-diżastri, bħalma huma ħafna pajjiżi u reġjuni madwar id-dinja l-iktar f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'żieda korrispondenti fit-telf ta' ħajjiet, ħsara ekonomika, soċjali u ambjentali, u li approċċ li jorbot ir-rispons għad-diżastri mal-prevenzjoni tad-diżastri, it-tnaqqis tar-riskju u l-istat tat-tħejjija għal disastri, huwa l-aħjar mod kif jiġu ġestiti dawn ir-riskji;
2. Waqt li jindika li l-miżuri meħudin fil-livell tal-UE biex itejbu r-rispons għad-diżastri m'għandhom bl-ebda mod inaqqsu r-responsabbiltà tal-Istati Membri stess li jieħdu azzjoni u li jkollhom il-kapaċità meħtieġa f'oqsma ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons, u li l-Istati Membri jżommu kontroll sħiħ tal-assi nazzjonali tagħhom (ara fost oħrajn l-Artikolu 196 tat-TFUE);
3. Waqt li jikkunsidra li r-rispons għad-diżastri tal-UE jitwettaq primarjament permezz ta' assistenza umanitarja u permezz ta' assi tal-protezzjoni ċivili; li dan ir-rispons jista' wkoll jagħmel użu mill-PSDK u/jew assi militari b'mod partikolari biex tingħata assistenza ta' sikkors meta jkun hemm il-ħtieġa, f'konformità mal-linji gwida internazzjonali stabbiliti, b'mod partikolari l-prinċipji stabbiliti fil-linji gwida ta' Oslo; u li kooperazzjoni mtejbja ma' korpi internazzjonali rilevanti oħra għandha timminimizza d-duplikazzjoni tal-isforzi;
4. Waqt li jikkunsidra li għandha tiġi żgurata koordinazzjoni adatta fil-livell tal-UE b'kont meħud tar-rwoli tal-Kummissjoni, tar-Rappreżentanti Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, skont l-arkitettura istituzzjonali u r-responsabbiltajiet definiti mit-Trattat ta' Lisbona;
5. Waqt li jissottolinja li l-assistenza Ewropea ta' sikkors barra mill-Unjoni hija mmexxija skont il-ħtieġa u hija marbuta bi prinċipji umanitarji (l-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza) u l-linji gwida, marbutin internazzjonalment, kif imħaddan fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja;
6. Waqt li jafferma mill-ġdid b'mod partikolari r-rwol ta' koordinazzjoni ċentrali tan-NU kif previst fil-Kunsens Ewropew dwar l-għajnuna umanitarja, id-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2008 dwar it-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-kapaċità ta' rispons għad-diżastri.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

7. Jilqa' l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - "*Lejn rispons Ewropew aktar b'saħħtu għal diżastri li jseħħu: ir-rwol tal-protezzjoni ċivili u l-assistenza umanitarja*" u l-oġġettivi ġenerali tagħha li jimmiraw għal rispons Ewropew aktar prevedibbli, effettiv, effiċjenti, koerenti u viżibbli għad-diżastri;
8. Jaqbel li rispons Ewropew imtejjeb u kost-effettiv jrid isegwi approċċ li jittratta l-perikli kollha, għandu jiġbor flimkien l-atturi rilevanti kollha, l-iktar l-atturi tal-protezzjoni ċivili u l-assistenza umanitarja, u għandu jiżgura l-konsistenza u s-sinerġiji bejn l-istrumenti differenti;
9. Jissottolinja li ċentru għal rispons ta' emerġenza effettiv jeħtieġ kapaċità operattiva 24/7 u għandu jipprovdi pjattaforma ta' koordinazzjoni li tappoġġa servizzi Ewropej oħra li jittrattaw diżastri kbar; Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tgħaqqad il-kmamar ta' kriżi tal-ECHO u l-MIC biex toħloq Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza li jrid ikollu l-abbiltà, f'konformità sħiħa mal-paragrafu 2, li jtejjeb l-ippjanar u l-koordinazzjoni;
10. Jirrikonoxxi li t-tagħlimiet li ttieħdu minn diżastri riċenti jissuġġerixxu li, għalkemm ir-rispons tal-UE kien effettiv u rapidu, hemm fejn isir titjib; jinnota li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tippreżenta ħafna suġġerimenti interessanti għal dan il-għan; u Jikkunsidra li, soġġett għad-diskussjonijiet li l-formazzjonijiet tal-Kunsill u l-Gruppi ta' Ħidma kompetenti ser ikollhom fuq l-istrumenti legali riveduti li l-Kummissjoni hija mistennija tippromovi fl-2011, rispons Ewropew aktar qawwi għad-diżastri jista' jinkludi:
 - ippjanar imtejjeb tal-interventi fejn adatt, permezz tal-użu u t-titjib ta' xenarji ta' referenza mibnija fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju komprensivi u ta' kwalità għolja;
 - disponibbiltà aktar prevedibbli tal-assi prinċipali tal-Istati Membri, fost l-oħrajn permezz tal-istabbiliment ta' raggruppament ta' assi identifikati minn qabel, disponibbli f'tul ta' żmien għal rispons maqbula minn qabel, biex jintużaw permezz ta' impenn volontarju mill-Istati Membri biex jagħmlu dawn l-assi disponibbli fuq bażi volontarja għal interventi Ewropej ta' sokkors għad-diżastri kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha (bl-Istati Membri jżommu awtorità sħiħa fuq l-assi tagħhom, il-mobilizzazzjoni tagħhom u f'kull ħin iżommu d-dritt sħiħ li jużaw dawn l-assi);

- approċċ li jieħu wkoll kont tal-ħtiġijiet reġjonali, ir-riskji estremi komuni u, b'kont meħud tal-punt ta' qabel, l-użu komuni ta' ċerti assi, ibbażat fuq il-prinċipji deskritti fil-paragrafu 2;
 - trasport imtejjeb, aktar kost-effettiv u koordinat tajjeb ta' assistenza in natura għas-sit tad-diżastru;
 - valutazzjoni mtejbja tal-ħtiġijiet konġunta, trasversali u komparabbli sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet infurmat tajjeb;
 - kontribut aħjar u msaħħaħ għall-isforzi ta' atturi internazzjonali ċentrali, b'mod partikolari man-NU, billi kemm jista' jkun jitjiebu s-sinerġiji u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, fost l-oħrajn permezz tal-istazzjonar u l-issekondar ta' persunal tal-UE mis-sistema lokali ta' koordinazzjoni tan-NU;
 - strateġija ta' komunikazzjoni komprensiva, li tinvolvi l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri kollha, li għandha ttejjeb il-viżibbiltà ġenerali tal-azzjonijiet Ewropej;
 - valutazzjoni mtejbja tal-UE għal interventi fpajjizi terzi, bil-ħsieb li jiġi appoġġjat ir-rwol ta' koordinazzjoni ċentrali tan-NU;
11. Jinnota li l-proposti leġislattivi ppreżentati mill-Kummissjoni ser jiġu ttrattati mill-gruppi ta' ħidma u l-formazzjonijiet kompetenti tal-Kunsill;
12. Jikkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni bħala element fi sforz usa' u aktar koerenti lejn rispons Ewropew imsaħħaħ għad-diżastri u għalhekk jistenna bil-ħerqa wkoll li jeżamina l-proposti li ġejjin tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni dwar aktar żviluppi, b'mod partikolari dwar l-użu tal-PSDK u/jew kapaċitajiet militari bħala parti mir-rispons Ewropew għad-diżastri u l-proposta biex jiġi implimentat l-Artikolu 222 (klawżola ta' solidarjetà), b'konsiderazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kaprijiet ta' Stat u ta' Gvern annessa għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2009, u l-Artikolu 20 (2c) tat-Trattat (protezzjoni konsulari) u dwar il-koordinazzjoni, il-koerenza u l-konsistenza fil-kuntest tar-rispons u l-ġestjoni ta' kriżijiet mill-UE."

TKABBIR – Konklużjonijiet

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"STRATEĠIJA GĦAT-TKABBIR

F'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill jilqa' l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2010 dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2010-2011, kif ukoll l-Opinjoni dwar il-Montenegro u l-Albanija, u r-rapporti ta' progress "Turkija", "Kroazja", "Islanda", "dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja", "Serbja", "Bosnja u Herzegovina" u "Kosovo"¹. Il-Kunsill jikkondividi b'mod wiesa' l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni u jinnota tajjeb il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fihom.

Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tal-UE li jitmexxa 'l quddiem il-proċess tat-tkabbir abbażi tal-prinċipji u l-konklużjonijiet maqbula. It-tkabbir jirrinforza l-paċi, id-demokrazija u l-istabbiltà fl-Ewropa, iservi l-interessi strateġiċi tal-UE, u jgħin lill-UE tikseb aħjar l-oġettivi ta' politika tagħha f'oqsma importanti li huma ċentrali għall-irkupru ekonomiku u t-tkabbir sostenibbli. It-tkabbir iservi bħala mutur ċentrali għar-riforma politika u ekonomika, u jimxi 'l quddiem b'pass li huwa l-biċċa l-kbira ddeterminat mir-rispett tal-pajjiżi kandidati (potenzjali) tal-kriterji ta' Kopenħagen u l-kapaċità ppruvata tagħhom li jassumu l-obbligi tas-sħubija.

Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jiżgura li l-UE tista' tkompli bl-aġenda ta' tkabbir tagħha, waqt li jżomm il-momentum tal-integrazzjoni tal-UE. L-implimentazzjoni koerenti tal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir li huwa bbażat fuq il-konsolidazzjoni tal-impenji, il-kondizzjonalità ġusta u rigoruża, komunikazzjoni aħjar u l-kapaċità tal-UE biex tintegra membri ġodda, tkompli tiffirma l-qafas għall-azzjoni tal-UE fl-istadji kollha tal-proċess ta' tkabbir, fejn kull pajjiż huwa evalwat fuq il-merti proprji tiegħu. Il-kredibbiltà kontinwa ta' dan il-proċess hija element importanti għall-iżgurar tal-appoġġ tal-Istati Membri u l-avvanzar tal-aġenda ta' riforma f'pajjiżi kandidati (potenzjali).

¹ Skont ir-Riżoluzzjoni tal-UNSCR 1244/99. Ir-referenzi għall-Kosovo f'dawn il-konklużjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-istatus.

Għad baqa' sfidi ċentrali fil-parti l-kbira tal-pajjiżi involuti fit-tkabbir. Linji politiċi makroekonomiċi u fiskali sodi u riformi relatati mal-UE jistgħu jgħinu biex tingħeleb il-kriżi ekonomika u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli. It-tisħiħ tal-istat tad-dritt, inkluż permezz ta' riforma ġudizzjarja u ż-żieda fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, jibqa' kruċjali u jeħtieġ sforzi sostnuti. Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika hija importanti wkoll sabiex il-linji politiċi tal-UE jiffunzjonaw tajjeb. Għandha titjeb l-inklużjoni soċjali u ekonomika tal-gruppi vulnerabbli, inklużi r-Rom. Għadhom ta' tħassib partikolari il-problemi li jolqtu l-libertà tal-espressjoni u l-mezzi tax-xandir.

Il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien huma partijiet essenzjali tal-proċess ta' tkabbir. Huma jikkontribwixxu għar-rikonċiljazzjoni u għal klima li twassal għall-indirizzar ta' kwistjonijiet bilaterali miftuħa u l-wirt tal-passat. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-partijiet kollha kkonċernati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet bilaterali, li jaqgħu barra mill-oqsma tal-kompetenza tal-UE u/jew l-obbligi kuntrattwali lejn l-UE, fi spirtu kostruttiv u b'kont meħud tal-interessi ġenerali tal-UE.

Minħabba li l-pajjiżi kkonċernati jissodisfaw l-istandards li ġew stabbiliti, inkluż b'mod partikolari dawk marbutin mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-UE hija impenjata li taħdem magħhom sabiex tavvanza għall-passi li jmiss fil-proċess. Il-kapitoli ta' negozjar li għalihom ġew konklużi t-tnejniet tekniċi ser jinfetħu jew jingħalqu b'mod proviżorju, f'konformità mal-Oqfsa ta' Negozjar, ir-regoli tal-Konferenza Intergovernattiva u soġġett għall-miżuri maqbula mill-Kunsill.

Il-Kunsill jilqa' r-rabta msaħħa bejn il-prijoritajiet identifikati għall-pajjiżi kandidati (potenzjali) u l-ipprogrammar tal-assistenza finanzjarja, b'mod partikolari permess tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA).

It-Turkija

Il-Kunsill jilqa' l-impenn kontinwu tat-Turkija għall-proċess ta' negozjar u l-aġenda ta' riforma politika. Il-pakkett tar-riforma kostituzzjonali huwa pass importanti fid-direzzjoni t-tajba minħabba li jitratta numru ta' prijoritajiet tas-Sħubija għall-Adeżjoni fil-qasam tal-ġudikatura, id-drittijiet fundamentali u l-amministrazzjoni pubblika. L-implimentazzjoni f'konformità mal-istandards Ewropej ser tkun ċentrali. Il-Kunsill jenfasizza li kwalunkwe bidla kostituzzjonali futura għandha titħejja permezz tal-aktar konsultazzjoni wiesgħa possibbli, li tinvolvi l-partiti politiċi kollha u lis-soċjetà ċivili f'waqtha u fi spirtu ta' dialogu u ta' kompromess.

Waqt li jibni fuq il-progress li sar, il-Kunsill iħeġġeġ lit-Turkija biex ittejjeb aktar l-osservanza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fil-liġi u fil-prattika, partikolarment fl-oqsma tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tar-reliġjon. Ġew irreġistrati numru ta' passi pożittivi dwar is-superviżjoni ċivili tal-forzi tas-sigurtà u l-implimentazzjoni tal-istrateġija għar-riforma ġudizzjarja, iżda huwa meħtieġ aktar progress. Huma meħtieġa wkoll aktar sforzi sabiex jiġi sodisfatti bis-sħiħ il-kriterji ta' Kopenhagen, fost l-oħrajn, fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà, id-drittijiet tat-trade unions, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, id-drittijiet tan-nisa u t-tfal, l-antidiskriminazzjoni u ugwaljanza bejn is-sessi, u l-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin.

Il-Kunsill jikkundanna bil-qawwa l-atti kollha ta' terroriżmu mwettqa fit-territorju Turk. Huwa jfakkar li l-PKK (Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan) huwa fuq il-lista tal-UE ta' organizzazzjonijiet terroristiċi. Il-Kunsill jispera li l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-ftuħ għad-demokrazija, partikolarment biex tiġi trattata l-kwistjoni tal-Kurdi, ser tibda tiproduċi r-riżultati mistennija.

It-Turkija saret aktar attiva fil-viċinat usa' tagħha u hija attur reġjonali importanti, fost l-oħrajn fil-qasam tas-sigurtà fil-Lvant Nofsani, il-Balkani tal-Punent, l-Afganistan/il-Pakistan u l-Kawkasu tan-Nofsinhar. F'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Qafas ta' Negozjar, il-Kunsill iħeġġeġ lit-Turkija biex tiżviluppa l-politika barranija tagħha b'mod kumplementari u f'koordinazzjoni mal-UE, u biex tallinja ruħha progressivament mal-politiki u l-pożizzjonijiet tal-UE. Għalhekk, billi jaġixxu flimkien, l-UE u t-Turkija jistgħu jsaħħu s-sigurtà tal-enerġija, jindirizzaw konflitti reġjonali u jimpedixxu l-iżvilupp ta' diviżjonijiet fuq linji etniċi jew reliġjużi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinsab lest biex jintensifika d-djalogu eżistenti tiegħu mat-Turkija dwar kwistjonijiet ta' politika barranija ta' interess reċiproku.

It-Turkija huwa wieħed mill-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u transitu għall-immigrazzjoni illegali lejn l-UE. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-fatt li sar progress sostanzjali fin-negozjati dwar ftehim ta' riammissjoni UE-Turkija. Il-Kunsill jistenna bil-ħerqa l-konklużjoni tiegħu, bil-ħsieb tal-implimentazzjoni effettiva tiegħu. Sakemm dan isir, l-implimentazzjoni adegwata ta' ftehimiet ta' riammissjoni bilaterali eżistenti u dispożizzjonijiet ta' riammissjoni li jinsabu fi ftehimiet simili tibqa' kwistjoni ta' prijorità.

F'konformità mal-Qafas ta' Negozjar u l-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, il-Kunsill jenfasizza li jeħtieġ li t-Turkija timpenja ruħha b'mod inekwivoku għal relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u għall-proċess ta' riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, billi tirrikorri, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. F'dan il-kuntest, l-Unjoni tneġġeg biex jiġi evitat kull tip ta' theddid, sors ta' frizzjoni jew azzjonijiet li jistgħu jkunu ta' ħsara għar-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u r-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim. Barra minn hekk, l-UE terġa' tenfasizza d-drittijiet sovrani kollha tal-Istati Membri tal-UE li jinkludu, fost l-oħrajn, id-dħul fi ftehimiet bilaterali, f'konformità mal-*acquis* tal-UE u d-dritt internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar.

Il-Kunsill, waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2006 u d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005, jinnotta b'dispjaċir profond il-fatt li t-Turkija, minkejja appelli ripetuti, tkompli tirrifjuta li tissodisfa l-obbligu tagħha ta' implimentazzjoni sħiħa u non-diskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Fin-nuqqas ta' progress dwar din il-kwistjoni, il-Kunsill ser jibqa' jżomm fis-seħħ il-miżuri tiegħu mill-2006, li ser ikollhom effett kontinwu fuq il-progress ġenerali tan-negozjati. Barra minn hekk, it-Turkija għadha ma għamlitx progress lejn in-normalizzazzjoni neċessarja tar-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib u biex tirrapporta speċifikament dwar il-kwistjonijiet kollha koperti mid-dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-21 ta' Settembru 2005 fir-rapport annwali tagħha li jmiss. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ser ikompli jsegwi mill-qrib u jirrevedi l-progress magħmul, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2006 u tat-8 ta' Diċembru 2009. Issa huwa mistenni progress mingħajr aktar dewmien.

Kif enfasizzat mill-Qafas ta' Negozjar, il-Kunsill jistenna wkoll li t-Turkija tappoġġa b'mod attiv in-negozjati li għaddejjin bil-għan li jwasslu għal soluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli tal-problema ta' Ċipru fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. L-impenn u l-kontribut tat-Turkija f'termini konkreti għal tali soluzzjoni komprensiva huma kruċjali.

Waqt li jfakkar li n-negozjati waslu fi stadju aktar impenjattiv, il-Kunsill jinnotta li t-Turkija ser tkun tista' taċċellera l-pass tan-negozjati billi tavvanza fl-issodisfar tal-punti ta' riferiment, waqt li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Qafas ta' Negozjar u billi tirrispetta l-obbligi kuntrattwali tagħha lejn l-UE. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnotta l-progress tajjeb li sar mit-Turkija biex tissodisfa l-punti ta' riferiment ta' ftuħ fil-qasam tal-Politika tal-Kompetizzjoni. Hekk kif jintlaħqu l-punti ta' riferiment kollha, il-Kunsill ser jerġa' lura għal dan il-Kapitolu, skont il-proċeduri stabbiliti, bil-ħsieb tal-ftuħ tiegħu.

Il-Kroazja

Il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali tajjeb tal-Kroazja lejn il-kisba tal-kriterji tal-adeżjoni. In-negozjati għall-adeżjoni laħqu l-istadju finali tagħhom u sar progress konsistenti fit-tħejjijiet għall-abbozzar tat-Trattat tal-Adeżjoni. Il-konklużjoni tan-negozjati tinsab fil-qrib.

Sar progress inkoraġġanti f'haqna oqsma, inkluż fil-qasam tal-istat tad-dritt u fil-ġlieda kontra korruzzjoni fl-ivell għoli. Fl-istess waqt, jeħtieġu aktar sforzi, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja u l-effiċjenza, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha, kif ukoll fl-oqsma tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, ir-rimpatriju ta' refuġjati u l-proċessi dwar reati tal-gwerra. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kroazja biex iżżid l-isforzi tagħha biex tissodisfa l-punti ta' riferiment li għad fadal, inkluż l-akkumulazzjoni ta' riżultati konvinċenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-politika tal-kompetizzjoni u l-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistenna b'interess l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-progress fil-qasam tal-Ġudikatura u d-Drittijiet Fundamentali fl-ewwel tliet xhur tal-2011.

Il-Kunsill jinnota l-kooperazzjoni ġeneralment tajba tal-Kroazja mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) waqt li jtenni li kooperazzjoni sħiħa tibqa' essenzjali, f'konformità mal-Qafas ta' Negozjar. Filwaqt li jinnota li t-task force bejn l-aġenziji bdiets tesplora toroq ġodda importanti, il-Kunsill jappella lill-Kroazja biex tkompli bl-investigazzjoni amministrattiva sabiex tagħti rendikont tad-dokumenti militari neqsin.

Il-Kunsill jilqa' r-rwol attiv tal-Kroazja fil-kooperazzjoni reġjonali, it-titjib fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi ġirien u l-isforzi tagħha mmirati lejn rikonċiljazzjoni fir-reġjun. Huwa jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Arbitraġġ dwar il-kwistjoni tal-fruntieri mas-Slovenja fid-29 ta' Novembru 2010. Waqt li titqies l-importanza ta' relazzjonijiet tajba mal-ġirien, huwa jinkoraġġixxi lill-Kroazja biex tibni fuq dan il-progress fl-isforzi tagħha biex tinstab soluzzjoni għall-kwistjonijiet bilaterali u reġjonali pendenti kollha, b'kooperazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati.

Waqt li jibni fuq ir-riżultati tal-Konferenzi dwar l-Adeżjoni ta' Lulju u Novembru, il-Kunsill jistenna b'interess il-laqgħa tal-Konferenza dwar l-Adeżjoni fit-22 ta' Novembru u jispera li jista' jiġi rreġistrat aktar progress f'din l-okkażjoni.

L-Islanda

Il-Kunsill ifakkar li, wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-Opinjoni tagħha ta' Frar 2010, in-negozjati ta' adeżjoni mal-Islanda infetħu fis-27 ta' Lulju 2010.

L-Islanda hija demokrazija li ilha tiffunzjona għal żmien twil b'istituzzjonijiet b'saħħithom kif ukoll rabtiet mill-qrib mal-UE. Il-livell ġenerali ta' tħejjija biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-*acquis* tal-UE għadu tajjeb, partikolarment minħabba l-adeżjoni tal-Islanda maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u l-ftehim ta' Schengen. L-Islanda tista' titqies bħala ekonomija tas-suq li tiffunzjona, u tista' tikseb mill-ġdid il-kapaċità li tittratta l-persjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fis-suq uniku fil-perijodu medju.

In-negożjati ser ikunu mmirati biex l-Islanda tadotta integralment l-*acquis* tal-UE u tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar sħiħ tiegħu. F'konformità mal-Qafas ta' Negożjar, it-twettiq tal-obbligi tal-Islanda taħt il-Ftehim ŻEE, b'kont sħiħ meħud, fost l-oħrajn, tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010, kif ukoll tal-progress tal-Islanda fl-indirizzar ta' oqsma oħra ta' dgħufija identifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni, ser jiggwida l-avvanz tan-negożjati.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistenna b'interess ir-riżultati tal-proċess ta' screening.

IL-BALKANI TAL-PUNENT

Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ inekwivoku tiegħu għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent, kif reġa' ġie kkonfermat fil-Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-Balkani tal-Punent f'Sarajevo fit-2 ta' Ġunju 2010, li għadha essenzjali għall-istabbiltà, ir-rikonċiljazzjoni u l-futur tar-reġjun. Huwa jafferma wkoll mill-ġdid il-ħtieġa għal kondizzjonalità ekwa u rigoruża, fil-qafas tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006.

Il-Kunsill ifakkar li bit-twettiq ta' progress reali fir-riforma ekonomika u politika u billi jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti neċessarji, il-kandidati potenzjali li fadal fil-Balkani tal-Punent għandhom jiksbu status ta' kandidat, skont il-merti proprji tagħhom, bl-għan aħħari tal-išhubija fl-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, ir-riżultati sodisfaċenti miksuba minn pajjiż fl-implimentazzjoni tal-obbligi tiegħu taħt il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ, huma element essenzjali għall-UE biex tikkunsidra kwalunkwe applikazzjoni ta' adeżjoni.

Il-Kunsill jilqa' l-emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001, kif japplika għall-Istati Membri, sabiex tiġi stabbilita sistema ħielsa mill-viża għaċ-ċittadini tal-Albanija u l-Bosnja-Herzegovina mill-15 ta' Diċembru 2010. Dan juri li l-implimentazzjoni ta' riformi konkreti ġġib riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini. Il-Kunsill iqis li hemm bżonn li l-pajjiżi kkonċernati jagħmlu aktar sforzi biex jinfurmaw liċ-ċittadini tagħhom dwar l-ambitu u l-limiti tas-sistema mingħajr viża, biex isegwu mill-qrib l-implimentazzjoni tiegħu u, fejn meħtieġ, jieħdu miżuri korrettivi adegwati. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' d-dikjarazzjoni mdaħħla fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-kondizzjonijiet kollha għal-liberalizzazzjoni mill-viża, permezz tal-mekkaniżmu ta' segwitu tagħha, inkluż ir-rappurtar regolari lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill jirriaferma li l-Kosovo ser jibbenefika wkoll mill-perspettiva ta' liberalizzazzjoni eventwali tal-viża ladarba jkun gwad soddifatti l-kondizzjonijiet kollha. Il-Kunsill jissottolinja li huwa essenzjali li jkun hemm aktar progress fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. Il-Kunsill jieħu nota tal-progress reċenti li għamel il-Kosovo meta adotta l-leġislazzjoni dwar ir-riammissjoni, bit-tfassil ta' Pjan ta' Azzjoni dwar ir-riintegrazzjoni tar-ripatrijati sostnut b'riżorsi assenjati. Il-Kunsill jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tnedi djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viżi ladarba jkun gwad soddifatti l-kondizzjonijiet kollha u l-intenzjoni tal-Kummissjoni, qabel it-tnedija ta' dan id-djalogu, li tikkondividi l-valutazzjoni tagħha mal-Kunsill dwar it-twertieq ta' dawn il-kondizzjonijiet.

Il-Kunsill jilqa' l-fatt li sar aktar progress mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent rigward ir-rikonċiljazzjoni u l-kooperazzjoni reġjonali, waqt li enfażizza li l-inklussività ta' dan il-proċess għandha tkun żgurata mill-partijiet kollha kkonċernati. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni ta' strateġija għida komprensiva u operattiva mill-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR) u jħeġġeġ lill-KKR biex jiffoka fuq l-implimentazzjoni tagħha b'kooperazzjoni attiva mal-Proċess ta' Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Ewropa (SEEC). Il-kooperazzjoni reġjonali tibqa' element essenzjali tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u fit-trawwim ta' relazzjonijiet tajba fost il-ġirien.

Il-Kunsill jisħaq dwar l-importanza tal-ħarsien tal-minoranzi kollha u jħeġġeġ lill-gvernijiet tar-reġjun biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Il-Kunsill jilqa' l-fatt li Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kisbet aktar progress foqma ewlenin ta' riforma bħar-riforma tal-pulizija, minkejja li b'pass irregolari. Il-pajjiż ikompli jissodisfa l-impenji tiegħu taħt il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jistenna li l-pajjiż iżomm il-momentum tal-aġenda ta' riforma. Jeħtieġ li l-pajjiż jagħmel aktar progress fir-rigward tad-djalogu fost l-atturi politiċi, ir-riforma għudizzjarja u tal-amministrazzjoni pubblika, il-għieda kontra l-korruzzjoni, il-libertà tal-espressjoni u t-titjib tal-ambjent kummerċjali. L-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid tibqa' element essenzjali tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-pajjiż.

Il-Kunsill jikkondividi b'mod ġenerali l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-pajjiż jissodisfa biżżejjed il-kriterji politiċi u jinnota li l-Kummissjoni tenniet ir-rakkomandazzjoni tagħha li għandhom jinfetħu negozjati tal-adeżjoni ma' Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-Kunsill huwa lest jerġa' jeżamina l-kwistjoni matul il-Presidenza li jmiss.

Iż-żamma ta' relazzjonijiet tajbin fost il-ġirien, inkluża soluzzjoni negozjata u aċċettabbli reċiprokament rigward il-kwistjoni tal-isem, taħt l-awspiċi tan-NU, tibqa' essenzjali. Il-Kunsill jilqa' d-djalogu ta' livell għoli li għaddej bħalissa u jistenna b'interess li dan iġib riżultati fi żmien qasir.

Il-Montenegro

Il-Kunsill jilqa' l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Montenegro għal sħubija fl-UE. Il-Montenegro għamel progress lejn il-kisba tal-kriterji politiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhaġen u r-rekwiżiti tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Fir-rigward tal-kriterji ekonomiċi, il-Montenegro kiseb ċertu livell ta' stabbiltà makroekonomika. Ir-riżultati tal-Montenegro fl-implimentazzjoni tal-obbligi tiegħu taħt il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni huwa b'mod ġenerali pożittiv. Il-Montenegro jkun f'pożizzjoni li jassumi l-obbligi tas-sħubija f'terminu medju fil-parti l-kbira tal-oqsma tal-*acquis*.

Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tas-seba' prijoritajiet ċentrali stabbiliti fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-Montenegro li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Dawn il-prijoritajiet prinċipali jiffokaw fuq l-istat tad-dritt, ir-riforma ġudizzjarja, ir-riforma elettorali, ir-rwol tal-parlament, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-libertà tal-mezzi tax-xandir u l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, waqt li jindirizzaw id-diskriminazzjoni u s-sitwazzjoni ta' persuni spostati, u speċjalment il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.

Il-Kunsill jinnota li l-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni ser jiġu kkunsidrati mill-Kunsill Ewropew, f'konformità ma' prattika stabbilita, ladarba l-Kummissjoni tkun ivvalutat li l-Montenegro tkun kisbet il-grad meħtieġ ta' konformità mal-kriterji tal-adeżjoni u tkun issodisfat, b'mod partikolari, il-prijoritajiet prinċipali stabbiliti fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-pajjiż. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiffoka r-rapport ta' progress tagħha tal-2011 fuq il-Montenegro b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet ċentrali li jeħtieġ li jiġu indirizzati u ser jerġa' jeżamina din il-kwistjoni meta l-Kummissjoni tkun qieset li dawn il-kondizzjonijiet ikunu ġew sodisfatti.

Fid-dawl tal-progress magħmul mill-Montenegro, il-Kunsill jilqa' l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni u jinnota li r-rakkomandazzjoni tagħha dwar l-ġhoti tal-istatus ta' kandidat ser tiġi kkunsidrata mill-Kunsill Ewropew.

L-Albanija

Il-Kunsill jilqa' l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Albanija għal sħubija fl-UE. L-Albanija għamlet progress lejn il-kisba tal-kriterji politiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen u r-rekwiżiti tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Fir-rigward tal-kriterji ekonomiċi, l-Albanija kisbet ċertu livell ta' stabbiltà makroekonomika. Ir-risultati tal-Albanija fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħha skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni huwa b'mod ġenerali pożittiv. L-Albanija tkun f'pożizzjoni li tassumi l-obbligi tas-sħubija f'terminu medju fil-parti l-kbira tal-oqsma tal-*acquis*.

Huma meħtieġa aktar sforzi, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tat-tnax-il prijorità prinċipali stabbiliti fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Albanija li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Dawn il-prijoritajiet prinċipali jiffokaw fuq l-istabbiltà ta' istituzzjonijiet li jiggarrantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, ir-riforma elettorali, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem inkluż id-drittijiet tal-proprietà. Il-Kunsill iħeġġeġ bil-qawwa lill-partiti politiċi biex jегħlbu l-istaġnar politiku attwali billi jistabbilixxu djalogu politiku kostruttiv u sostnut sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tal-parlament.

Il-Kunsill jinnota li l-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni ser jiġu kkunsidrati mill-Kunsill Ewropew, f'konformità ma' prattika stabbilita, ladarba l-Kummissjoni tkun ivvalutat li l-Albanija tkun kisbet il-livell meħtieġ ta' konformità mal-kriterji tas-sħubija u tkun issodisfat, b'mod partikolari, il-prijoritajiet ewlenin stabbiliti fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-pajjiż. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiffoka r-rapport ta' progress tagħha tal-2011 fuq l-Albanija b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet ċentrali li jeħtieġ jiġu indirizzati u ser jerġa' jeżamina din il-kwistjoni meta l-Kummissjoni tkun ivvalutat li dawn il-kondizzjonijiet ġew sodisfatti.

Is-Serbja

Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni kontinwa tal-aġenda ta' riforma tas-Serbja, li tkompli takkumula r-risultati fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interim mal-UE. Is-Serbja għamlet progress ulterjuri tajjeb lejn il-konformità mal-obbligi tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali b'mod partikolari dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, l-istat tad-dritt inkluż ir-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u t-titjib tal-ambjent kummerċjali. Il-Kunsill itenni li s-Serbja tista' taċċellera l-progress tagħha lejn l-UE, inkluż l-istatus ta' pajjiż kandidat, hekk kif jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet neċessarji kollha.

Il-Kunsill jilqa' d-diversi passi importanti li s-Serbja ħadet lejn ir-rikonċiljazzjoni u l-kooperazzjoni fir-reġjun. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kooperazzjoni mal-UE li wasslet għall-adozzjoni u l-kosponsorizzazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 64/298. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-Serbja biex tkompli ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha mal-missjoni għall-istat tad-dritt tal-EULEX speċjalment fir-rigward tat-Tramuntana tal-Kosovo. Jibqa' essenzjali approċċ kostruttiv lejn il-kooperazzjoni reġjonali inklussiva, inkluż il-kummerċ.

Il-Kunsill itenni li l-UE tinsab lesta tiffaċilita proċess ta' djalogu bejn Belgrad u Pristina, li ntlaja fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 64/298, għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni, biex jinkiseb progress fit-triq lejn l-UE u jitjiebu l-ħajjiet tal-persuni, u jilqa' l-impenn tas-Serbja biex tinvolvi ruħha abbażi ta' dan. Il-proċess ta' djalogu fih innifsu huwa fattur għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun. Il-Kunsill jappella liż-żewġ partijiet biex jibdew id-djalogu malajr u fi spirtu kostruttiv.

Il-Kunsill jinnota li s-Serbja żammet il-kooperazzjoni tagħha mal-ICTY bil-ħsieb li twassal aktar riżultati pożittivi. Madankollu, iż-żewġ persuni maħrubin tal-ICTY baqgħu ma nqabdux. Il-Kunsill ser jissorvelja mill-qrib ir-rapporti ta' progress mill-Uffiċċju tal-Prosekutur. Waqt li jtenni l-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2010, f'konformità mal-kriterji politiċi ta' Kopenhagen, il-kooperazzjoni totali mal-ICTY tibqa' kondizzjoni essenzjali għas-šhubija tal-UE.

Il-Kunsill ifakkar li f'Ottubru 2010 huwa stieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tas-Serbja għal šhubija fl-Unjoni Ewropea. Huwa ser jerġa' jeżamina l-kwistjoni meta l-Kummissjoni tkun ippreżentat l-opinjoni tagħha.

Il-Bosnja-Ħerzegovina

Il-Kunsill jilqa' l-passi riċenti tal-Bosnja-Ħerzegovina lejn kooperazzjoni reġjonali mtejba u rikonċiljazzjoni. Il-Bosnja-Ħerzegovina għamlet progress tajjeb, relatat mal-liberalizzazzjoni tal-viża, u l-Kunsill iħeġġeġ lill-pajjiż biex jagħmlu l-istess progress f'oqsma ta' riforma oħrajn relatati mal-UE. Il-Kunsill jilqa' r-rata akbar ta' parteċipazzjoni u t-tmexxija ordnata tal-elezzjonijiet tat-3 ta' Ottubru fil-Bosnja-Ħerzegovina (BiH), li kienu b'mod ġenerali f'konformità ma' standards internazzjonali.

Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lill-mexxejja tal-pajjiż li għadhom kif ġew eletti biex jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fi djalogu politiku sabiex tiġi żviluppata viżjoni kondiviża dwar il-futur tal-pajjiż u sabiex l-aġenda tal-UE tiġi ankrata fil-qalba tal-programm tal-gvernijiet tagħhom. L-UE ittenni l-impenn inekwivoku tagħha għall-perspettiva Ewropea tal-BiH. Hija tirriafferma wkoll l-impenn inekwivoku tagħha lejn l-integrità territorjali tal-BiH bħala pajjiż sovrän u magħqud.

Jeħtieġ li l-pajjiż jindirizza urġentement il-kriterji politiċi, jallinja ruħu mal-obbligi tiegħu skont il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-FSA u jħaffef ir-riformi rilevanti li huma essenzjali għal aktar progress lejn is-sħubija fl-UE. Aktar passi bħal dawn, li jiġu qabel applikazzjoni kredibbli għal sħubija fl-UE, ser ikunu ikkunsidrati mill-Kunsill skont il-progress li l-Bosnja-Ħerzegovina għadha trid tikseb. Jeħtieġ li l-Bosnja-Ħerzegovina tallinja l-qafas kostituzzjonali tagħha mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kunsill jisħaq dwar l-importanza tat-titjib u t-tisħiħ tal-funzjament effiċjenti tal-istat u l-istituzzjonijiet, inkluż permezz ta' bidliet kostituzzjonali meħtieġa. B'mod partikolari, il-pajjiż ser jeħtieġ li jkun f'pożizzjoni li jadotta, jimplementa u jinforza l-liġijiet u r-regoli tal-UE.

Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-RGħ/RSUE, Valentin Inzko. Il-Kunsill issejjaħ lill-Bosnja-Ħerzegovina biex tilħaq l-oġġettivi u l-kondizzjonijiet pendenti li jibqgħu meħtieġa għall-għeluq tal-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli (OHR). L-UE, inkluż permezz ta' Delegazzjoni msaħħa futura tal-UE, ser tassisti lill-Bosnja-Ħerzegovina fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-aġenda tal-UE. Il-Kunsill jibqa' determinat li jappoġġa l-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton/Pariġi u jistenna b'interess proposti mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE biex tikkomunika b'mod effettiv mal-Bosnja-Ħerzegovina f'dan ir-rigward.

Il-Kosovo

Il-Kunsill jilqa' l-impenn imsaħħaħ tal-Kosovo għall-aġenda Ewropea tiegħu u l-istabbiliment ta' Ministru tal-Integrazzjoni Ewropea u l-progress fit-tisħiħ tal-istrutturi eżekuttivi u parlamentari f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jilqa' b'mod partikolari t-twettiq b'suċċess tad-djalogu tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni mal-Unjoni Ewropea. Huwa jinnota li l-proċess ta' deċentralizzazzjoni fil-Kosovo avvanza b'mod sinifikanti. Il-Kunsill jilqa' l-mod kalm u ġeneralment ordnat li bih saru l-elezzjonijiet tat-12 ta' Diċembru u jistenna b'interess il-formazzjoni rapida ta' gvern, wara ċ-ċertifikazzjoni tal-elezzjonijiet mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali li għandha tittratta kwalunkwe ilment u appell f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rilevanti. Il-Kunsill jisħaq li għad fadal sfidi kbar. Dawn jinkludu l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, il-ħasil ta' flus, il-migrazzjoni, l-asil, l-iżgurar tal-libertà tal-espressjoni, il-protezzjoni u l-integrazzjoni tas-Serbi u minoranzi oħrajn kif ukoll it-tisħiħ tad-djalogu u r-rikonċiljazzjoni bejn il-komunitajiet. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kosovo biex ikompli jikkoopera mal-EULEX u biex jiżgura l-appoġġ għall-ħidma tal-EULEX. Jibqa' essenzjali approċċ kostruttiv lejn il-kooperazzjoni reġjonali inklussiva, inkluż il-kummerċ.

Il-Kunsill itenni li l-UE tinsab lesta tiffaċilita proċess ta' djalogu bejn Pristina u Belgrad, li ntlaja' fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 64/298, għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni, biex jinkiseb progress fit-triq lejn l-UE u jitjiebu l-ħajjiet tal-persuni, u jilqa' l-impenn tal-Kosovo biex jimpenja ruħu abbażi ta' dan. Il-proċess ta' djalogu fih innifsu huwa fattur għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun. Il-Kunsill jappella liż-żewġ partijiet biex jibdew id-djalogu malajr u fi spirtu kostruttiv.

F'konformità mal-Konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kunsill jilqa' l-isforzi li għaddejjin tal-Kummissjoni biex tappoġġa l-progress tal-Kosovo lejn l-UE f'konformità mal-perspettiva Ewropea tar-reġjun. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinnota sew il-ħidma tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni tagħha ta' Ottubru 2009 f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2008.

Il-Kunsill jistenna b'interess proposta mill-Kummissjoni li tippermetti l-parteċipazzjoni tal-Kosovo fil-programmi tal-Unjoni u tappella lill-Kummissjoni biex tkompli tassisti lill-Kosovo fl-isforzi tiegħu biex jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti għal relazzjoni kummerċjali msaħħa."

POLITIKA DWAR L-IŻVILUPP REĠJONALI

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-ħames rapport ta' evalwazzjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE.

Huwa ġie infurmat ukoll mill-Presidenza dwar l-eżitu ta' laqgħa informali tal-ministri responsabbli għall-politika ta' koeżjoni, li saret fi Liege fit-22 u t-23 ta' Novembru.

TĦEJJIJA TAL-KUNSILL EWROPEW TA' DIĊEMBRU

Il-Kunsill eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li għandha ssir fis-16 u s-17 ta' Diċembru.

B'segwitu għall-konklużjonijiet tal-laqgħa tiegħu ta' Ottubru, il-Kunsill Ewropew għandu jiddeċiedi dwar il-linji ġenerali ta' mekkaniżmu permanenti ta' kriżijiet biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro u dwar emenda limitata għat-trattati tal-UE meħtieġa biex jinħoloq tali mekkaniżmu. Barra minn hekk, huwa ser jieħu kont tal-ħidma li għaddejja dwar proposti legiſlattivi biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-governanza ekonomika.

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti wkoll il-ħidma dwar il-valutazzjoni tar-relazzjonijiet tal-UE mas-sħab strateġiċi tagħha, b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-laqgħa tiegħu ta' Settembru.

Abbozz ta' aġenda annotata ġie diskuss mill-Kunsill fit-22 ta' Novembru (*dok.* [12345/10](#)). L-abbozz ta' konklużjonijiet ser jiġi rieżaminat fid-dawl tad-diskussjoni tal-Kunsill.

TĦEJJIJA GĦALL-KUNSILL EWROPEW TA' FRAR

Il-Kunsill eżamina l-abbozz ta' aġenda annotata għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li għandha ssir fl-4 ta' Frar (*dok.* [17163/10](#)).

Il-Kunsill Ewropew ta' Frar ser jiffoka fuq il-politika dwar l-enerġija u l-innovazzjoni

Il-Kunsill ser ikollu diskussjoni oħra fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Jannar, abbażi tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew.

STRATEĠIJA EWROPEA 2020 GĦALL-IMPJIEGI U T-TKABBIR

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport mill-Presidenza dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija "Ewropea 2020" għall-impjiegi u t-tkabbir.

L-Ewropa 2020, adottata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju, hija element ċentrali fir-rigward tar-rispons tal-UE għall-kriżi ekonomika globali. Waqt li taġġorna u tissostitwixxi l-istrateġija ta' Lisbona, mnedija fl-2000, l-istrateġija l-ġdida tinvolvi l-koordinazzjoni msaħħa ta' politiki ekonomiċi b'aktar enfasi fuq oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għal tkabbir u kompetittività sostenibbli u inklużivi.

Ir-rapport ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill Ewropew, fid-dawl tal-laqgħa tiegħu tas-16 u s-17 ta' Diċembru. Dan jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ħidma mwettqa minn meta tnediet l-istrateġija Ewropea 2020 f'Ġunju.

PUNTI OĦRA LI ĠEW APPROVATI**AFFARIJIET BARRANIN****Relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-EFTA – *Konklużjonijiet***

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif imniżżla fid-dok. 17423/1/10.

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI**Impatt tar-riformi tal-pensjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-patt ta' stabbiltà u tkabbir**

Il-Kunsill approva rapport li jeżamina kif l-impatt tar-riformi tal-pensjonijiet għandu jiġi spjegat fl-implimentazzjoni tal-patt ta' stabbiltà u tkabbir tal-UE. Hu qabel li r-rapport jiġi ppreżentat lill-Kunsill Ewropew, fid-dawl tal-laqgħa tiegħu tas-16 u s-17 ta' Diċembru.

Ir-rapport intalab mil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Ottubru, fil-kuntest tar-rieżami attwali tad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-governanza ekonomika .

Xi Stati Membri introduċew jew qegħdin jintroduċu l-hekk imsejħa sistemi ta' pensjoni b'pilastri multipli (kemm pubbliċi kif ukoll privati)¹ u talbu li jsir rieżami tal-mod li bih jiġu spjegati l-ispejjeż iġġenerati minn tali riformi. Ir-riformi jżidu d-defiċits ta' baġit tal-gvern fil-perijodu iqsar minkejja l-ħolqien ta' benefiċċji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fil-perijodu itwal.

¹ Qafas ta' pensjonijiet b'pilastri multipli jikkonsisti f'pilastru pubbliku mingħajr allokazżjoni speċifika ta' fondi (ħafna drabi jissejjaħ "ħlas tul il-ħajja"), it-tieni pilastru ffinanzjat bis-sħiħ, u possibbilment fondi privati individwali li jikkostitwixxu t-tielet pilastru.

AFFARIJIET ISTITUZZJONALI**Regoli ta' proċedura tal-Kunsill - Piż tal-voti**

Il-Kunsill emenda r-regoli ta' proċedura tiegħu billi aġġorna t-tabella ta' popolazzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE għall-2011 għall-iskopijiet ta' maġġoranza kwalifikata fit-teħid ta' deċiżjoni fil-Kunsill (*dok. [16338/10](#)*).

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill jipprevedu li meta għandha tiġi adottata deċiżjoni mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, u jekk membru tal-Kunsill jitlob hekk, għandu jiġi verifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni Ewropea.

Għal dak l-għan, il-figuri tal-popolazzjoni tal-UE huma aġġornati kull sena f'konformità mal-figuri pprovduti mill-Eurostat (l-uffiċċju tal-istatistika tal-UE).

Il-maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill hija stabbilita għal 255 vot minn total ta' 345 u l-maġġoranza tas-27 Stat Membru.

KOOPERAZZJONI FL-IŻVILUPP**Fond Ewropew għall-iżvilupp**

Il-Kunsill stabbilixxa l-limitu massimu għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2012.

Hu stabbilixxa l-ammont massimu b'EUR 4.08 biljun, li minnhom EUR 280 miljun huma għall-Bank Ewropew tal-Investment (*dok. [16971/10](#)*).

STATISTIKA**Paritajiet tas-Setgħa tal-Infiq**

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Regolament li jimplementa r-Regolament 1445/2007, li jiddefinixxi l-kriterji ta' kwalità komuni u l-istruttura tar-rapporti ta' kwalità użati għall-istabbiliment ta' paritajiet tas-segħa tal-infiq.

Ir-Regolament 1445/2007 jistabbilixxi regoli komuni għall-provvista ta' informazzjoni bażika dwar il-paritajiet tas-setgħa tal-infiq u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom. L-abbozz ta' Regolament implimentattiv huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li jfisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottah, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzonax.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI**Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira**

Il-Kunsill adotta deċizzjoni biex tiġi sodisfatta talba mir-Renju Unit biex jipparteċipa fl-attivitajiet tal-aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (*dok. [15766/10](#)*).

L-aġenzija ser tkun responsabbli għall-ġestjoni tas-sistema ta' informazzjoni Schengen tat-tieni ġenerazzjoni, is-sistema ta' informazzjoni dwar il-viża u s-sistema Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba'.

Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen - baġit emandatorju SISNET għall-2010

Il-partijiet tal-Istati Membri għall-protokoll ta' Schengen, imlaqqgħin fil-Kunsill, adottaw baġit emendatorju 2010 nru 2 għas-SISNET.

Is-SISNET hu netwerk ġestit mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill f'isem l-Istati Membri għat-tħaddim tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen.

SUO INTERN**Kwalifiki professjonali - Settur tas-saħħa**

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Regolament li jemenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali¹, li jimmodifika listi dwar programmi ta' taħriġ dwar il-kura tas-saħħa u dwar il-perijodu ta' taħriġ meħtieġ għal ċerti speċjalitajiet mediċi (*dok. [15676/10](#)*).

Id-Direttiva 2005/36/KE tapplika għaċ-ċittadini li jixtiequ jsegwu professjoni regolata fi Stat Membru tal-UE li mhuwiex dak li fih ikunu kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom. L-abbozz ta' regolament emendatorju huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li jfisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottah, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzonax.

TRASPORT**Reġistri tal-vetturi ferrovjarji**

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Deċiżjoni li taġġorna speċifikitajiet komuni għal reġistri nazzjonali tal-vetturi ferrovjarji u li tipprovdi l-konnessjoni ta' dawn ir-reġistri għar-reġistru virtwali ċentrali tal-vetturi ġestit mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (*dok. [13892/1/10](#)*).

L-abbozz ta' deċiżjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li jfisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottah, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzonax.

¹ ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

Emissjonijiet tal-istorbju ferrovjarji

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Deċiżjoni dwar reviżjoni limitata ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (TSI) marbuta mal-istorbju ta' vetturi ferrovjarji tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (*dok. [15582/10](#)+[ADD 1](#)*).

L-abbozz ta' Deċiżjoni għandu l-għan li jikkjarifika r-responsabbiltajiet fir-rigward ta' binarju ta' referenza, li jippermetti l-ittestjar fuq binarju mhux ta' referenza waqt li jassigura għbir u reġstrar adatti ta' data komparabbli għal reviżjoni fil-ġejjieni tat-TSI, inaqas il-piż tal-prova tal-konformità għal lottijiet żgħar ta' vetturi u jinkludi l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-istandard ISO EN 3095. Il-limiti tal-istorbju u l-ambitu ma jinbidlux.

L-abbozz ta' Deċiżjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li jfisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottah, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.
